MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 466/2005

**Avviz numru 466/05DM**

**JB Stores Limited (C 15755)**

**Vs**

**Ivan Caruana u Tonio Caruana ezercitanti l-kummerc taht l-isem G. Caruana & Bros.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ elf, tmien mija, sitta u hamsin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,856.18) rapprezentanti prezz ta’ prodotti varji ordnati u mixtrija mill-konvenuti u dan kif jirrizulta minn prospett anness ma’ l-Avviz u mmarkat bhala Dok A. Nonostante illi gew interpellati sabiex ihallsu dan il-bilanc, inkluz permezz ta’ ittra legali datata 18 ta’ Lulju, 2005 (Dok B) huma baqghu nadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi ndikati fil-prospett anness ma' l-Avviz, sad-data tal-pagament effettiv bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici permezz ta' liema rriducew is-sorte b'ammont ta' elf lira Maltin (Lm1000) imhallsin fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u qeghda ghalhekk tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba kif redotta fl-ammont ta' tmien mija, sitta u hamsin lira u tmintax-il centezmu (Lm856.18) bl-imghaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-1 ta' Lulju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------